# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**Christopher Ellul**

**Kumpilazzjoni Numru: 731/2018**

**Illum, hmistax (15) ta' Jannar, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Christopher Ellul detentur tal-karta tal-identità 280668M** akkużat talli:

**Nhar l-erbatax (14) ta' Novembru 2018 bejn it-tmienja ta' filghaxija u l-ghaxra ta' filghaxija (20:00HRS –**

**22:00HRS) gewwa Triq Lvant, il-Belt Valletta u f' dawn il-Gzejjer:-**

1. **Ikkommetta att ta' natura sesswali minghajr kunsens li fih innifsu ma jikkostitwixxix wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat msemmijin fl-Artikoli ta' qabel dan u dan bi ksur tal-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **Kif ukoll talli offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. **U aktar talli gab ruhu b'mod illi ta' fastidju lil -Omissis- meta kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qieghed johloq fastidju lil -Omissis- u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

4. **U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi arresta, zamm jew issekwestra lil -Omissis- kontra l-volontà taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

5. **Kif ukoll talli kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' *Probation* hekk kif mghotija nhar it-23 ta' Frar 2017, mill-Magistrat Dr. C. Galea LL.D. u nhar it-30 ta' Jannar 2018 mill-Magistrat Dr. N. Camilleri LL.D., liema sentenzi huma assoluti u ma' jistghux jinbidlu;**

6. **U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b' sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuna ta' -Omissis- bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *et sequitur*.**

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni a favur il-parte civile datata sitta (6) ta' Dicembru tas-sena 2018;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sittax (16) ta' Ottubru, 2020 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 207 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 209 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 251A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 86 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 23 tal-Att Dwar il-*Probation*, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 383 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Semghet il-finali trattazzjoni datata tlieta (3) ta' Lulju tas-sena 2023.

**IKKUNSIDRAT**

Illi semghet lill-**Ispettur Daryl Borg** li pprezenta d-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghall-parir legali (immarkat bhala Dok. DB1), l-istqarrija tal-imputat (immarkata bhala Dok. DB2), il-fedina penali tal-imputat (immarkata bhala DOK. DB3), estratt tat-twelid tal-imputat (immarkat bhala Dok. DB4), u *Current Incident Report* (immarkat bhal Dok. DB5).

Semghet ukoll ix-xhieda **tal-parte civile -Omissis-** li tghid li fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena 2018 ghall-habta tat-tmienja u kwarta ta' filghaxija harget mixja fid-direzzjoni tal-Waterfront. F'certu punt daret lura u mxiet lejn il-*Victoria Gate*. Tixhed li ghaddiet minn mas-sur sabiex tmur lejn il-Barrakka t'Isfel u kien hemmhekk fejn inzertat lill-imputat Christopher Ellul. Tkompli tghid li huma bdew jitkellmu stante li l-istess imputat kien jaf lill-

eks sieheb tal-parte civile. Tghid li l-imputat kien jaf li hi u l-eks sieheb taghha kienu ghaddejjin minn mument hazin dak iz-zmien u fil-fatt hi tikkonferma li gieli kienet issaqsi lill-imputat fuqu. Tghid li hu qalilha li kien ghadu kif wassal l-eks sieheb taghha lura d-dar filwaqt li hi nnotat li fejn iltaqghu ma kienx vicin ta' fejn jghix l-imputat.

Tghid li hi bdiet issostni li kellha tmur lura d-dar ghax kienet mghaggla filwaqt li l-istess imputat beda jipprova jheggigha sabiex tibqa' fl-istess post. Tghid li bdiet tinnota li hu ma kienx qieghed jagixxi b'mod normali maghha. Tkompli tixhed li x'hin waslet hdejn il-kiosk ta' hdejn il-gnien tal-Barrakka ta' Isfel l-imputat qabadha mill-backpack li kellha u habbatha mas-sur. Tghid ukoll li fl-istess hin l-imputat qabadha minn taht l-irkoppa b'tali mod li b'idejh beda jmiss il-warrani taghha. Tixhed li hi bdiet tirrezisti billi tat daqqiet ta' ponn izda hu kompla jzommha xorta wahda. Tghid ukoll li f'xi hin irrnexxielha tahrab minn idejh izda, stante li saqajha wehlet fil-konka tas-sigra, l-imputat rega' qabadha.

Tkompli tixhed li l-imputat prova jbusha tant li hasset il-bzieq tieghu ma' wiccha. Tghid li l-imputat erhiha u telghet min-naha ta' Triq San Kristofru. Tikkonferma li wara dakinhar l-imputat kien rega' ipprova jkellimha. Tghid li

tali komunikazzjoni saret darba minnhom is-Sibt filghodu meta hi marret ghat-tifel sabiex tigbru minghand l-gharus. Tghid li hi u niezla minn Triq San Kristofru nzertat lill-imputat fit-triq u x'hin ipprova jersaq lejha biex ikellimha hi pprosegwiet sabiex thabbat fuq il-bieb tas-sieheb taghha. Tghid li din ma kinitx l-ewwel darba li gara hekk. Tixhed li l-imputat kien messilha l-warrani taghha darba minnhom meta kienet qieghda fuq ix-xoghol gewwa l-bar "-Omisssis-".

Izzid tghid li hi kellha n-numru tieghu mentri hu ma kellux taghha. Tikkonferma wkoll li hi kienet iccempillu sabiex issir taf iktar informazzjoni fuq l-eks sieheb taghha dak iz-zmien. Tikkonferma li hi ghamlet rapport dwar dan l-allegat reat sitt (6) ijiem wara u dan ghaliex hassitha mbezza' meta regghet skontrat l-imputat is-Sibt ta' wara l-allegat incident. Tikkonferma wkoll li ftit qabel il-hin tal-allegat reat hi kkomunikat mal-imputat fejn l-istess Christopher Ellul ghadda informazzjoni dwar l-eks sieheb taghha. Izzid tghid li hi ma kinitx tibza' mill-imputat, izda ma kinitx tafdah. Tixhed li wara l-allegat reat saret tibza' minnu. Hi tishaq li cemplitlu darba biss dakinhar tal-allegat reat.

Semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Jeffrey Scicluna** li jghid li hu kien prezenti waqt l-istqarrija tal-imputat u jikkonferma li l-istess imputat kien gie moghti d-drittijiet legali kollha tieghu. Jaghraf u jikkonferma l-firma tieghu, tal-imputat kif ukoll tal-Ispettur Daryl Borg.

Semghet ix-xhieda ta' **WPS 173 Elisia Scicluna** li tghid li fl-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena 2018 waqt li kienet ix-xoghol fl-Ghassa tal-Belt dahlet il-parte civile bl-ghan li taghmel rapport rigward incident tal-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena 2018. Tghid li l-parte civile qalet li fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena 2018, gewwa Triq Lvant il-Belt, inzertat lill-imputat Christopher Ellul li avvicinaha. Kellmitu ghal ftit u x'hin kienet ser tkompli miexja hu sforza lilu nnifsu. Il-parte civile stqarret maghha li l-imputat prova jmissha filwaqt li hi ddefendiet lilha nnifisha. Tkompli tghid li l-parte civile stqarret li kif irrenxxielha tahrab minn idejn l-imputat, l-istess imputat gibidha u prova jbusha tant li hasset il-bzieq tieghu. Tghid li l-parte civile harrbet ghat-tieni darba u kompliet miexja minn Triq San Kristofru fejn cemplet lil missierha sabiex jistenniha fil-bieb tad-dar. Tghid li l-istess parte civile kienet anka stqarret dwar incident fis-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena 2018 l-imputat rega' kellimha.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' **-Omissis-** li ma gharafx lill-imputat. Jghid li huwa missier il-parte civile u cioè -Omissis-. Jixhed li xi darba f'Novembru l-parte civile kienet cemplitlu biex joqghod mat-tifla taghha waqt li hi tohrog mixja. Ikompli jghid li xi tliet kwarti wara regghet cemplet sabiex johrog fil-gallarija hi u gejja lura d-dar. Jghid li hi giet id-dar u baqghet sejra gol-kamra tal-banju. Jixhed li l-istess parte civile kienet tidher li hija mdejqa tant li kienet qisha ser tibki. Jghid ukoll li hu saqsa kemm-il darba lill-parte civile sabiex tispjegalu x'gara izda hi qatt ma qaltlu xejn. Jghid ukoll li ma jafx jekk il-parte civile kinitx qed tipprova takkwista informazzjoni dwar l-eks sieheb taghha minghand l-imputat.

Semghet lill-**Ispettur Daryl Borg** fejn dan jghid li l-allegat incident sehh vicin il-Barrakka ta' Isfel. Izid jghid ukoll li tali incident sehh fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena 2018 filwaqt li r-rapport sar fl-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena 2018. Jghid li dakinhar tal-ghoxrin (20) ta' Novembru l-allegata vittma -Omissis- kienet kellmet lill-WPS173 Elisa Scicluna fejn stqarret li kienet giet attakkata sesswalment mill-imputat Christopher Ellul u dan meta kienet fi Triq Lvant gewwa l-Belt Valletta. Jghid li stante din l-allegazzjoni talab lill-istess WPS173 Elisa Scicluna sabiex

tinforma lill-imputat u tarrestah. L-imputat gie moghti d-drittijiet tieghu u l-istess xhud kien hadlu l-istqarrija.

Jikkonferma d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd tal-parir legali u jaghraf il-firem tieghu, tal-imputat u ta' PC734 Franco Portelli. Jikkonferma wkoll l-istqarrija ta' Christopher Ellul a fol. sebgha (7), tmienja (8) u disgha (9) fejn l-istess Christopher Ellul cahad dak kollu allegat. Ipprezenta zewg (2) sentenzi mmarkati Dok. DB6 u Dok. DB7.

Jghid li fir-rapport ma tnizzlitx jekk kienx hemm kameras fil-vicinanzi. Izid jghid però li stante li r-rapport sehh sitt (6) ijiem wara li gara l-allegat reat hemm possibiltà kbira li kwalunkwe filmati li gibdu l-kameras setghu gew mhassrin.

Semghet ix-xhieda ta' **-Omissis-** li tghid li hija habiba tal-parte civile u li kienet irceviet telefonata minghand l-istess parte civile. Tghid li hi ma tiftakarx meta sehhet tali telefonata izda tiftakar li -Omissis- kienet instemghet ippanikjata. Tixhed li l-parte civile kienet spjegatilha li kienet miexja l-Belt meta terza persuna waqqafha u gibidha. Tkompli tghid li hi kienet qalet lill-parte civile sabiex taghmel rapport mal-pulizija. Gharfet l-imputat.

Regghet semghet ix-xhieda ta' **-Omissis-** li giet riprodotta mid-difiza fejn din tghid li hi ilha taf lill-imputat. Tghid li komunikazzjoni bejniethom kienet issehh stante li l-imputat kien jghaddilha dettalji u informazzjoni dwar l-eks sieheb taghha dak iz-zmien tal-allegat incident. Tichad li kienet hi li bdiet titolbu l-infomazzjoni izda li hu minn jeddu kien jaqsam dawn id-dettalji. Tghid li darba minnhom l-imputat kien ghaddej minn quddiem id-dar taghha u l-istess imputat kien ta xi informazzjoni dwar l-eks sieheb taghha. Tghid li minn dakinhar 'il quddiem gieli kienet tkun hi li titlob ghall-informazzjoni. Tghid li tali komunikazzjoni kienet isehh tramite telefonati fuq *Messenger*. Izzid tghid li hi kienet tafda lill-imputat sa certu punt stante wkoll il-fatt li kienet taf li l-istess imputat digà ghadda minn proceduri kriminali.

Semghet ix-xhieda **tal-imputat Christopher Ellul** li jghid li hu ilu jaf lill-parte civile u lis-sieheb taghha minn mindu kienu tfal zghar u dan stante li kien jattendi l-istess skola flimkien mal-parte civile. Jghid li darba minnhom sar jaf li l-parte civile u s-sieheb taghha kienu temmew ir-relazzjoni taghhom. Jghid li ghal tmien (8) xhur shah qabel l-allegat reat hu u -Omissis- kienu f'kuntatt kontinwu ma' xulxin. Jispjega li tali komunikazzjoni kienet bdiet meta l-parte civile talbitu n-numru tieghu ghal skopijiet ta' xoghol

stante li hu kien delivery man u li gieli kien iwettaq tali deliveries fil-post tax-xoghol tal-parte civile fejn hi kienet waitress. Ikompli jghid li l-parte civile kienet interessata li tiskopri dwar ma' min hiereg l-eks sieheb taghha u fil-fatt kienet tikkomunika f'dan is-sens mal-imputat. Jikkonferma li dan kollu jirrizulta minn ritratti li hu pprezenta. Jghid li l-parte civile kienet anke tkellmu permezz ta' telefonata izda hi kienet izzomm in-numru taghha tali mod li ma jidhirx.

Jixhed li dakinhar tal-allegat incident hu kien ghand zitu Josette Briffa meta cemplet il-parte civile u qaltlu biex imur isegwi lill-eks sieheb taghha gewwa l-bar -Omissis-. Ikompli jixhed li hu mar lura d-dar tieghu gewwa Strada Sant'Ursula, il-Belt u regghet kellmitu l-parte civile sabiex isegwi l-passi tal-eks sieheb u mbaghad jiltaqghu. Jixhed li hu telaq fid-direzzjoni tal-bar -Omissis- u nzerta lil dan l-eks sieheb tal-parte civile waqt li l-istess -Omissis- kienet ghadha fuq it-telefonata. Jispjega li hu dahhal il-*mobile* fil-but sabiex il-parte civile tkompli tisma'. Jghid li hu akkumpanja lil -Omissis- sal-kunvent tas-sorijiet li qieghed hdejn *St. Barbara Bastion*. Hemmhekk jghid li ltaqa' mal-parte civile fejn hi ssuggeriet li hu joqghod taht it-tieqa tal-flat tal-eks sieheb taghha. Jixhed li hu qalilha li xtaq jerga'

jmur id-dar u hi rrabbjat mieghu tant li mbuttatu u hu b'hekk imbuttaha lura.

Jghid li s-Sibt ta' wara hu kien ghaddej bil-vann min Triq San Kristofru meta hu nzerta lill-parte civile fit-triq u hu pprosegwa biex ipaqpilha. Jghid li hi ma ghamlet ebda reazzjoni u lanqas kellmitu lura. Jixhed ukoll li l-ghada avvicinawh diversi nies fosthom omm il-parte civile kif ukoll il-kugin tal-eks sieheb tal-parte civile jghidulu li huma dizappuntati bil-fatt li allegatament wettaq atti ta' natura sesswali fuq il-parte civile. Jixhed ukoll li meta sehh l-allegat incident, kien hemm prezenza ta' kameras fl-akkwati u li kien sahansitra anka talab lill-Pulizija sabiex jigbor il-filmati minn hemm izda dan ma sehhx.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' **Josette Briffa** b'mod virtwali li tghid li l-imputat huwa n-neputi taghha u li hu jmur jaraha darba fil-gimgha. Tghid li hi ma tafx x'inhuma l-akkuzi li gew imressqa kontra l-imputat. Izzid tghid li hi semghet lill-parte civile tkellem lill-imputat tramite il-mobile stante li t-telefonata kienet qieghda tinzamm fuq loudspeaker. Tghid li dakinhar tat-telefonata kienu hi, t-tifla taghha Charlene Briffa u l-imputat fil-kcina taghha gewwa Santa Venera. Tghid li hi ma tafx lill-parte civile. Tghid li l-parte civile qalet lill-imputat sabiex imur go bar il-Belt u

jivverifika jekk l-eks sieheb taghha kienx qieghed ma' mara Taljana. Tixhed ukoll li hi wissiet lill-imputat li ha jidhol f'hafna inkwiet filwaqt li hu ma tkellem xejn matul din it-telefonata. Tghid li hi tiftakar din it-telefonata stante l-fatt li l-imputat kien ghadda minn esperjenzi simili. Izzid tghid li hi ma tafx jekk l-imputat marx go dan il-bar.

Semghet ix-xhieda ta' **Charlene Briffa** li tghid li hija tigi l-kugina tal-imputat u bint Josette Briffa. Tghid li minn mindu kienu mietu l-genituri tieghu, l-imputat kien iqis lil Josette Briffa bhala t-tieni omm tieghu u ghalhekk kien jizgura li jibqa' jmur jaraha u jmur sa ghandha. Tghid li hi tiftakar li qabel il-COVID lejl minnhom inzertaw kien hemm hi, ommha Josette Briffa u l-imputat. Tghid ukoll li dak il-lejl kienet cemplet persuna fuq il-mobile tal-imputat. Tghid li hi setghet tisma' l-konverzazzjoni stante li l-istess telefonata kienet fuq loudspeaker. Tghid li din il-persuna femminili talbet lill-imputat sabiex imur isegwi terza persuna gewwa bar il-Belt u li milli setghet tifhem din it-terza persuna kien is-sieheb taghha. Tghid ukoll li l-imputat kien qal bic-car li ma riedx imur izda din il-persuna insistiet mieghu. Tghid li ommha kienet wissiet lill-imputat sabiex ma jidholx f'iktar inkwiet. Hi ma tafx jekk l-imputat marx isegwi dak li qaltlu din il-persuna li kellmitu izda tiftakar li hu kien sahaq maghha li din hija habiba tieghu.

Tiftkar li l-imputat kien raqad fid-dar tieghu dak il-lejl stante li kien cempel biex iserrhilhom mohhhom li kollox sew. Izzid tghid li hi kienet irceviet telefonata minghand habibtu li kkonfermat maghha li l-imputat kien gie arrestat l-ghada ta' din it-telefonata.

Semghet ix-xhieda ta' **Clint Zammit** li jghid li hu jaf lill-imputat stante li hu kien jahdem gewwa l-bar -Omissis- gewwa Triq Santa Lucia filwaqt li l-imputat kien ta' spiss jiffrekwenta l-post ghal tazza kafè filghaxija. Jixhed li kien jaf li l-imputat kellu kazijiet ohra b'akkuzi simli ta' dawk fil-kawza odjerna. Jghid però li l-imputat dejjem mexa' b'mod sew mieghu. Jghid li darba minnhom kien kellem lill-imputat quddiem il-knisja ta' San Pawl fejn l-imputat ikkonferma li l-parte civile gieghlitu jsegwi certu -Omissis-. Jghid li l-parte civile kienet l-gharusa ta' dan -Omissis-. Jikkonferma wkoll li l-parte civile -Omissis- kemm-il darba kienet tiffrekwenta tavvicinah ukoll sabiex issaqsi dwar -Omissis- mentri hu kien dejjem iwissiha li ma jixtieqx jaghti informazzjoni zejda lilha. Isostni li hu qatt ma kien jara hazen mill-imputat.

## IKKUNSIDRAT

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb*

*tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-*

*grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi din il-Qorti mill-ewwel tippuntwalizza illi f’dawn il-proceduri ma hargitx prova tangibbli u konkreta li l-allegati reati kkommettihom l-imputat odjern u dan ghar-ragunijiet li sejra tispjega aktar ’il quddiem f’din is-sentenza.

Illi gialadarba jirrizulta mill-provi illi kien hemm zewg verzjonijiet kontrastament opposti u cioè dik tal-parte civile u dik tal-imputat, din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta’ Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta’ Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

> *“Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci*

*lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li*

> *facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di piu' mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

> *"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

## IKKUNSIDRAT

Illi l-prosekuzzjoni ppproduciet diversi xhieda li xi whud minnhom ma tantx joffru serhan tal-mohh u ma tantx jghinu fil-kaz tal-istess prosekuzzjoni.

Illi l-Qorti sejra teskludi ghal kollox ix-xhieda li tat -Omissis-. Tali xhieda ghandha titqies bhala *detto del detto* u ghalhekk ma tistax titqies bhala prova konkreta u tangibbli. Hawnhekk referenza ssir ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 598 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili:

> *"Bhala regola, il-qorti ma tihux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud ighid li gie jafhom minghand haddiehor jew li qalhom haddiehor li jista' jingieb biex jaghti xiehda fuq dawk il-fatti."*

Illi di piu', din il-Qorti tinnota li hemm inkonsistenza assoluta fix-xhieda tal-parte civile. Hi tishaq kemm fix-xhieda taghha kif ukoll fil-kontroezami taghha li l-imputat wettaq atti ta' natura sesswali minghajr il-kunsens taghha u li b'hekk offenda l-pudur taghha, issekwestraha u taha fastidju. Il-Qorti tosserva li x-xhieda tal-parte civile hija l-unika prova li l-prosekuzzjoni ghandha f'idejha biex tipprova l-akkuzi kif dedotti kontra l-akkuzat.

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti ghandha f'idejha x-xhieda tal-imputat li kienet pjuttost dettaljata u li offriet verzjoni totalment konfliggenti hdejn dik moghtija mill-parte civile. Hu jsostni li kien mifthiem biex jiltaqa' mal-parte civile bil-lejl sabiex issegwi l-eks sieheb taghha mieghu. Hu rrifjuta u minhabba f'hekk imbuttaw lil xulxin u li ma sehh xejn iktar.

Illi a kuntrarju tal-parte civile, l-imputat tella' xhieda li jixhtu iktar dawl dwar is-sitwazzjoni u r-relazzjoni ta' bejniethom, verzjoni li ghandha aktar mis-sewwa. Il-Qorti tosserva li x-xhieda moghtija minn Charlene Briffa u Clint Zammit huma krucjali u dan kif ser jigi spjegat.

Illi Charlene Briffa kkonfermat li sehhet telefonata minghand il-parte civile fejn kienet talbet lill-akkuzat sabiex ikompli jsegwi l-passi tal-eks sieheb taghha. Maghdud ma' din ix-xhieda, il-Qorti tosserva li l-parte civile kemm-il darba ma ddejqitx tipprova tinqeda b'kulhadd sabiex takkwista iktar informazzjoni dwar din it-terza persuna. Fil-fatt, xhud importanti li kkonferma dan huwa Clint Zammit li jghid hekk:

*"Dr Marion Camilleri:* *Clint lilek kemm il-darba saqsietek, talbitek issus*

| | |
|---|---|
| | *wara l-passi ta' dan ir-ragel?* |
| *Clint Zammit:* | *Le qaltli kemm il-darba.* |

…

| | |
|---|---|
| *Clint Zammit:* | *Kull darba li tarani specjalment ikun ghall-weekend Gimgha u Sibt imbghad terga' tghidlek l-Erbgha: "Imma -Omissis-dani hawn kien? Imma ghadda minn hawn? Ghax ha nitla s' hawn fuq ha mmur sa hdejn il-Barrakka" u terga' tinsel lura."* |

Illi din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-messaggi esebiti mill-imputat. Illi rrizulta bic-car li fil-verità kienet il-parte civile -Omissis- li kienet tikkomunika b'mod insistenti lill-imputat u mhux bil-maqlub.

Illi oltre` minn hekk din il-Qorti hija inklinata biex ma tistriehx fuq ix-xhieda tal-parte civile stante wkoll il-fatt li quddiem din l-istess Qorti hi ma kinitx mija fil-mija onesta meta mistoqsija jekk qattx ikkomunikat mal-akkuzat. Il-Qorti tosserva li fil-fatt il-parte civile kienet kriptika fit-twegibiet taghha. Il-messaggi esebiti mid-difiza fil-fatt jikkontradixxu bi shih dak li sahqet il-parte civile fix-xhieda u cioè li fil-fatt ghal tmien (8) xhur shah il-partijiet kienu jikkomunikaw ta' spiss.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi l-imputat Christopher Ellul qed jigi akkuzat taht l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Kull min jinsab ħati ta' att ta' natura sesswali mingħajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa seba' snin".*

L-imputat huwa wkoll akkuzat talli zamm lill-parte civile kontra l-volontà taghha u dan bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 86 li jistipola is-segwenti:

> *"Kull min, bla ordni skont il-ligi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà taghha, jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn:*
>
> *Izda, il-qorti tista', fil-kazijiet hfief, taghti l-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa."*

Illi kif digà nghad qabel dan il-kaz idur fuq il-verzjonijiet tal-imputat u dik tal-allegata vittma li kienu pjuttost divergenti. Izda dak li jispikka hu li l-verzjoni tal-imputat kienet sostanzjata bi provi ohra fosthom xhieda konsistenti kif ukoll messaggi li jikxfu iktar it-tip ta' relazzjoni li kellhom il-partijiet.

Illi huwa minnu li l-parte civile kienet konsistenti bil-verzjoni taghha quddiem din il-Qorti fid-darbtejn li xehdet. Izda l-Qorti ma tistax ma taghmilx certu osservazzjonijiet li d-difiza ressqet. Il-Qorti ma tistax tifhem ghalfejn il-parte civile stenniet sitt (6) ijiem biex jghaddu qabel ma ddecidiet sabiex taghmel rapport mal-Pulizija. Il-vittma tixhed li hi hassitha mbezza' milli tiehu azzjoni fuq dak li allegatament sehh. Minkejja dan, fil-proceduri odjerni qatt ma ngabet prova li tiggustifika ghaliex il-parte civile ma setghetx tressaq tali rapport mill-ewwel.

Illi di piu', mill-messaggi esebiti jirrizulta bic-car li l-parte civile kienet komda hafna tikkomunika mal-akkuzat u kienet anka assertiva mieghu. Sahansitra kienu jafu lil xulxin ghal hafna snin. Il-parte civile stess tikkonferma li kienet tafda lill-akkuzat sa certu punt. Huwa hawnhekk fejn il-Qorti ghalhekk tosserva li kieku persuna kienet taf li ma' tistax tafda persuna ohra b'mod assolut allura zgur ma kinitx ser tiddejjaq tmur u tezercita d-drittijiet taghha sabiex tipprotegi lilha nnifisha.

Illi l-kaz tal-prosekuzzjoni kien nieqes minn certu provi li kienu jaghtu stampa akar cara ta' ezattament x'gara fid-data tal-allegat reat. Il-prosekuzzjoni naqset milli tipproduci filmat mis-CCTV li kien prezenti fl-akwati u dan

sabiex ikompli jsahhu l-allegazzjonijiet tal-parte civile. Il-Qorti tfakkar li d-dover tal-prosekuzzjoni huwa li ggib dawk il-provi kontra u favur il-kaz tal-imputat u mhux semplicement li ggib dawk ix-xhieda jew provi li huma strettament necessarji.

Illi dan l-obbligu johrog bic-car mill-Artikolu 638 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti."*

Illi osservazzjoni ohra importanti li din il-Qorti thoss li ghandha taghmel hija li l-parte civile kienet taf ben sew dwar il-passat legali tal-imputat u ghalhekk huwa car ghal din il-Qorti li hi approffitat ruhha minn tali passat u ressqet dawn l-akkuzi b'mod vendikattiv meta l-imputat ma setax jghinha fil-pjan taghha. Ghalhekk tqis li l-aktar verzjoni kredibbli hija dik tal-imputat u ghalhekk ma tistax issib htija fil-konfront tieghu.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi ghar-rigward il-hames (5) akkuza, u cioè dik ta' ksur tal-kundizzjonijiet waqt il-perjodu operattiv tal-Ordni tal-Probation, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx il-prova necessarja sabiex tipprova li tali kundizzjonijiet kienu in vigore fid-data tal-allegat reat.

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll bir-recidiva taht l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ugwalment ma giet ipprezentata ebda sentenza li tikkonferma dan.

Illi oltre' minn hekk stante li l-akkuzat ser jigi liberat mill-akkuzi l-ohra, dawn iz-zewg aggravji ukoll ma jistghux jigu milqughin.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tillibera lill-imputat **Christopher Ellul** mill-akkuzi kollhPaa kif dedotti kontrih stante nuqqas ta' provi.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**